refuġjat tingħata meta dan il-limitu ma jintlaħaqx, u l-applikant għall-ażil ma għandux għaldaqstant jibża' li tiġi imposta fuqu sanzjoni kriminali, iżda madankollu ma jkunx jista' jirrikonċilja l-obbligi tas-servizz militari mal-kuxjenza tiegħu (it-tieni parti)?

(7) Jekk ir-risposta għas-sitt domanda għandha tingħata fis-sens tat-tieni parti:

il-fatt li l-applikant għall-ażil ma għamilx użu mill-possibbiltà li jsegwi proċedura normali ta' objettur tal-kuxjenza, meta kellu l-possibbiltà li jagħmel dan, jeskludi kull protezzjoni inkwantu refuġjat fis-sens tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, jew il-protezzjoni inkwantu refuġjat hija wkoll possibbli fil-każ ta' deċiżjoni partikolari bbażata fuq il-kuxjenza?

(8) It-tkeċċija infami mill-armata, il-kundanna għal piena ta' ħabs u l-ostraċiżmu soċjali u l-iżvantaġġi li jirriżultaw minnu jikkostitwixxu att ta' persekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 9(2)(b) jew (ċ), tad-Direttiva 2004/83?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KEE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-3 ta' Settembru 2013 — Adala Bero

(Kawża C-473/13)

(2013/C 336/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Adala Bero

Konvenut: Regierungspräsidium Kassel

Domanda preliminari

Mill-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (1) jista' jiġi dedott id-dmir ta' Stat Membru li jwettaq id-detenzjoni għal finijiet ta' tneħħija f'ċentri ta' detenzjoni speċjalizzati anki fil-każ li fl-imsemmi Stat Membru l-imsemmija ċentri jeżistu biss f'xi wħud mill-entitajiet territorjali tal-istruttura federali tiegħu u f'oħrajn le?

(1) ĠU L 348, p. 98.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-3 ta' Settembru 2013 — Thi Ly Pham

(Kawża C-474/13)

(2013/C 336/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Thi Ly Pham

Awtoritajiet intervenjenti: Stadt Schweinfurt, Amt für Meldewesen und Statistik

Domanda preliminari

Iż-żamma f'ħabs ma' priġunieri ordinarji ta' persuna mqiegħda taħt detenzjoni għall-finijiet ta' tneħħija, meta din il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għal tali żamma, hija kompatibbli mal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (1)?

(1) ĠU L 348, p. 98.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-478/13)

(2013/C 336/22)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Bianchi u M. Owsiany Hornung, aġenti)